LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru.31 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2006 fil-10.00 a.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.(Mus).L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |
| **Skużata** : | Is-Sinjura Monica Camilleri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Silvio Schembri ssekondata mis-Sur Joe Camilleri.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku Joe Piscopo qal li dwar para. 4.5 fuq il-materjal li ġie stampat fi Fiumicino fejn Silvio Schembri ġie deskritt bħala *Deputy Mayor*, huwa (Joe Piscopo) ma kien qed jakkuża lil ħadd, iżda qed jinsisti li jingħata kjarifika għax iħossu offiż.

2.1.i Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel l-istħarriġ tiegħu fuq il-każ. Stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega lill-Kunsill ir-riżultat ta' l-istħarriġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta kopja tal-fax li ntbagħtet mis-Sur Silvio Schembri bl-ismijiet tad-delegazzjoni li kienet tiela' għall-Marathona. Il-Fax fiha l-ismijiet, inkluż dak ta' Silvio Schembri, bla ebda deskrizzjoni ta' xi kariga. Ġiet ipprezentata wkoll e-mail mibgħuta mill-Commune di Fiumicino lis-Segretarju Eżekuttiv li titlob skuża għall-iżball li sar minn Fiumicino meta għamlu t-*translation* għall-Ingliż. Fil-fatt il-verżjoni Taljana tal-programm tal-Marathona hija korretta u ma ssemmix lil Silvio Schembri bħala *Deputy Mayor*.

2.1.ii Is-Sur Joe Piscopo qal li minkejja dak kollu li sema' xorta waħda ma jħossux sodisfatt bl-ispjegazzjoni li taw.

2.2 Is-Sur Joe Camilleri qal li dak inhar li f'Malta saret il-kampanja *"Clean up the World"*, wara li temm l-appuntament li kellu l-Isptar, mar fuq il-post biex jieħu sehem f'din l-attivita'. Qal li hemmhekk ma kien sab lil ħadd. Huwa staqsa jekk fir-realta' dik l-attivita' kinetx saret jew le. Is-Sindku wieġeb li ma saritx peress li, meta fil-laqgħa ta' qabel kien staqsa lill-Kunsillieri min kien se jieħu din l-attivita' f'idejh, ħadd mill-Kunsillieri ma kien wieġeb.

2.3 Meta tkellem dwar il-*Euro-Committee* il-Viċi Sindku qal li wara li fil-laqgħa ta' qabel is-Sindku sostna li l-Kunsill ma rċieva ebda korrispondenza biex xi Kunsillier jattendi għal-laqgħa tan-*National Euro Changeover Committee*, huwa (is-Sur Piscopo) indaga u kkonfermawlu li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa kien irċieva stedina għal dawn il-laqgħat bħall-Kunsilli l-oħra. Is-Sur Piscopo staqsa għala s-Sindku kien qal li l-Kunsill ma rċieva xejn.

2.3.i Għal mistoqsija diretta mis-Sur Piscopo lis-Segretarju Eżekuttiv, dan ta' l-aħħar ikkonferma li ittra ta' stedina kienet waslet.

2.3.ii Minn naħa tiegħu s-Sindku qal li jista' jkun li dik l-ittra qabżitlu għax forsi ma kienx ra l-ittri kollha jew inkella peress li ġiet mgħoddija lil Silvio Schembri peress li kienet indirizzata lilu.

2.4 Is-Sur Joe Piscopo qal li f'laqgħa preċedenti s-Sindku kien qal li se jagħmel ftehim mal-kuntrattur *Polidano Group Ltd*. dwar meta għandu jsir il-ħlas tax-xoghol fuq tliet toroq f'Ħal Farruġ. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dak il-ftehim kienx sar. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

2.4.i Wara li l-Viċi Sindku talab biex jara u ra l-ftehim, qal li bħala Viċi Sindku kien għal lanqas jippretendi li jiffirma hu (Joe Piscopo) flimkien mas-Sindku u mhux il-Kunsillier Raymond Saliba. Żied igħid li jippretendi wkoll u bid-dritt li minflok il-Kunsillier Saliba fuq ftehim li jikkonċerna eluf ta' liri jiffirma s-Segretarju Eżekuttiv bħala l-persuna skond il-liġi responsabbli mill-finanzi tal-Kunsill. Huwa saħaq li kien qed jiċċalinġja l-validita' legali ta' dak il-ftehim mingħajr il-firma tas-Segretarju Eżekuttiv.

2.5 Meta tkellem fuq biċċa konkrit li nqalgħet minn parti minn bankina li hemm fis-service road ta' Triq Ħal Qormi, is-Sur Joe Piscopo qal li meta fil-Kunsill kien staqsa dwarha s-Sindku kien wieġeb li ma kienx jaf biha. Il-Viċi Sindku qal li kuntrarju għal dak li qal is-Sindku, għandu konferma li dik tneħħiet mill-ħaddiema tal-Kunsill tagħna stess. Żied igħid li l-Perit Zerafa tar-Roads Section ikkonfermalu li dik il-konkrit ħadd ma seta' jaqlagħha.

2.5.i Il-Kunsillier Raymond Saliba qal li dik il-biċċa konkrit ma tneħħitx b'kapriċċ, imma tneħħiet minħabba l-għadajjar ta' l-ilma li kienu jinġabru hemmhekk.

2.6 Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa jekk kienx qiegħed isir monitoring tax-xogħol li qed isir u l-kwalita' ta' materjal li jintuża minn Catbros Ltd. fil-proġett ta' Ħal Farruġ.

2.6.i Is-Sindku wieġeb li monitoring isir mill-Perit inkarigat mill-proġett li wara kollox hu joħroġ ir-rapport u jawtorizza l-ħlasijiet lill-Kuntrattur.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sas-27 ta' Diċembru 2006, fosthom :

a) Ittra mit-Tim ta' l-Istrina 2006 għall-ġbir ta' fondi u minn Radju RTK dwar il-kampanja b'rizq id-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill qabel li jagħti donazzjoni ta' Lm25 għall-kampanja Istrina 2006 u Lm50 għall-kampanja b'rizq id-Dar tal-Providenza rispettivament.
b) Ittra tas-Segretarju Ġenerali tal-Partit Llaburista li tistieden lis-Sindku u lill-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa għall-bdil ta' xewqat għas-sena l-ġdida nhar l-1 ta' Jannar 2007.
c) Ittra mill-Fondazzjoni għal servizzi mediċi li tħeġġeġ lill-Kunsilli jorganiżżaw żjarat fl-Isptar Mater Dei.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa kif fil-festi pubbliċi tat-8 u t-13 ta' Diċembru 2006 ma sarx ġbir ta' skart mill-kuntrattur inkarigat. Is-Sindku kkonferma li fiż-żewġ ġranet imsemmija l-ġbir ta' l-iskart kien sar. Ma sarx ġbir ta' skart nhar il-Milied u mhux se jsir nhar l-Ewwel tas-Sena bi qbil minn qabel mal-Kunsill.

LUQA

4.2 Is-Sur Camilleri staqsa wkoll jekk kinetx saret xi petizzjoni minn residenti ta' Triq Pawlu Magri u jekk ingħatatx ċavetta biex titpoġġa jew titneħħa katina minħabba xi parking. Is-Sindku kkonferma li kienet saret petizzjoni u qal li qatt ma kien hemm xi katina.

4.3 Is-Sur Joe Piscopo staqsa jekk din is-sena hux se ssir l-ikla għall-Kunsillieri u l-Istaff. Is-Sindku wieġeb le għax biżżejjed li se ssir il-bibita'.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-27 ta' Diċembru 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fil-11.15 a.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum_____ ta' Jannar 2007.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv